MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 932/2006

**Il-Perit Emanuel Agius**

**vs**

**John Ellul**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni fejn fiha l-attur ippremetta:

1. Permezz ta` skrittura privata (kopja ta` liema skrittura privata qeghda tigi hawn esibita bhala Dokument A) l-esponenti kera lill-intimat b`effett mill-1 ta` Gunju, 2005 ghal perjodu ta` sitta u tletin (36) xahar il-*garage* li jgib l-isem *'Listz'* u li jinsab fi Triq Gerry Zammit, Gzira u dan versu l-pattijiet u kondizzjonijiet elenkati fl-istess skrittura privata inkluz l-klawsola 7 li testwalment tghid:

*“Should the tenant fail to pay two installments or owe an equivalent amount or should the tenant make use of the tenement for any other purpose than that for which it is let, then the landlord shall be entitled to terminate the lease”.*

2. L-intimat hu abitwalment moruz fil-hlas tal-kera; fil-fatt illum jinsab moruz fil-hlas ta` erba` xhur kera u fi zmien ftit granet ohra jkun moruz fil-hlas ta` xahar iehor kera.

3. L-esponenti ilu zmien jiehu pacenzja bl-intimat; dan kif jixhdu l-annessi ittri bonarji u ufficcjali li qeghdin jigu hawn esibiti bhala Dokumenti X1, X2, X3 u X4.

4. Fic-cirkostanzi l-esponenti jrid u qieghed jinvoka d-dritt tieghu naxxenti mill-klawsola 7 fuq citata ta` l-iskrittura privata Dokument A u jittermina l-kirja tal-*garage* li jgib l-isem *‘Listz’* fi Triq Gerry Zammit, Gzira.

5. L-esponenti jaf b`dawn il-fatti kollha personalment.

6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat hu moruz fil-hlas tal-kera tal-*garage* li jgib l-isem *‘Listz’* u li jinsab fi Triq Gerry Zammit, Gzira bil-mod kif hu mahsub fil-klawsola sebgha (7) ta` l-iskrittura privata esibita bhala Dokument A.

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-lokazzjoni tal-*garage* li jgib l-isem *‘Listz’*, Triq Gerry Zammit, Gzira inkorporat fl-iskrittura privata Dokument A hija llum terminata.

3. Tikkundanna lill-intimat jizgombra mill-*garage ‘Listz’*, Triq Gerry Zammit, Gzira fi zmien qasir u perentorju illi jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ingunt minn issa in subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat inkluz dik ghall-hlas ta` l-arretrati

ta` kera kemm tal-*garage* kif ukoll tal-*meters* ta` l-ilma u dawl u tal-konsum relattiv.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ma pprezenta l-ebda nota ta` eccezzjonijiet.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-nota ta` ammissjoni a fol. 15 tal-process.

Tiddeciedi billi tiddikjara illi l-intimat hu moruz fil-hlas tal-kera tal-*garage* li jgib l-isem *'Listz'* li jinsab fi Triq Gerry Zammit, Gzira.

Tiddeciedi li l-lokazzjoni tal-imsemmi *garage* hija terminata.

Tikkundanna lill-intimat biex fi zmien xahar jizgombra mill-*garage 'Listz'*, Triq Gerry Zammit, Gzira.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------